# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2293

Każ Nru 3101

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Emanuel Scicluna

u

Fruitland Company Ltd.

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Illum : 2 ta' Lulju 2014

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avv Joanne Vella Cuschieri f'isem Emanuel Scicluna fejn dan allega li kien ġie liċenzjat inġustament minn mas-Soċjetà Fruitland Company Ltd. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Hermann Mallia, assistit mill-Avv Matthew Brincat innegat dan. Inżammu sitt seduti.

Irid jingħad li ċ-Chairman odjern huwa it-tielet wieħed li qed jippresjedi f'dan il-Każ. L-ewwel Chairperson kienet irriżenjat wara t-tieni seduta. Iċ-Chairperson li ġiet appuntata biex tippresjedi kompliet bis-smiegħ sakemm wara l-konklużjoni tas-smiegħ, inkluż it-trattazzjoni jiet, astjeniet mill-Każ u dana ġie assenjat liċ-Chairman odjern li għaldaqstant kellu l-inkarigu li jagħti d-deċiżjoni. Dana jfisser illi ċ-Chairman odjern ta' dan it-Tribunal la sama' l-provi, la kellu l-opportunità jekk irid li jordna konfronti bejn xhieda konfliġġenti u lanqas jisma t-tratazzjonijiet. Kellu bilfors jistrieħ fuq id-dokumenti prezentati kif ukoll it-traskrizzjonijiet tal-provi.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 iċ-Chairman odjern ġie inkarigat bil-każ wara t-2 ta' Ġunju 2014 u għad li qed jaqtgħu f'inqas minn xahar minn mindu ingħata l-inkarigu għaddew diversi xhur minn mindu ġie intavolat u li matulhom iċ-Chairman inbidel tlet darbiet kif ingħad.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li fit-18 ta' Settembru 2012 huwa ġie imkeċċi mill-impieg tiegħu bħala *handyman*. Jirritjeni li tant kienet inġusta t-tkeċċija tiegħu li ftit gimgħat wara reġa ġie offrut li jidħol mill-ġdid fix-xogħol li kellu u huwa rrifjuta għax ma ridx li jibqa jaħdem taħt il-persuna li keċċietu. Is-Soċjetà Intimata tgħid illi l-komportament tar-Rikorrent waqt il-perijodu lavorattiv tiegħu kien wieħed inaċċettabli, kemm il-darba irrifjuta ordnijiet li kienu jingħatawlu u ma kienx lest jagħmel ċertu xogħol. Finalment huwa kien ġie offrut li jerġa jidħol għax-xogħol iżda irrifjuta għax ma ridx ikun subordinat għall-persuna li kienet illiċenzjatu. Kien ukoll iffirma dikjarazzjoni fejn kien stqarr li ma kellu l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra s-Soċjetà Intimata.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Jidher li hemm opinjonijiet konfliġġenti dwar l-allegati nuqqasijiet tar-Rikorrent. Huwa jinnega ħafna minnhom u fl-istess ħin jiddikjara li l-persuna li lliċenzjatu kienet iġġagħlu jagħmel xogħol li ma kien addattat għalih. Iżda t-Tribunal huwa influwenzat ħafna mill-fatt li ftit żmien wara l-liċenzjament tar-Rikorrent huwa kien reġa ġie offrut lura x-xogħol li kien tilef. Il-fatt li dan ma seħħx kien ċertament responsabbiltà tiegħu għax ma ridx li jerġa jkun dipendenti minn dik il-persuna li kienet illiċenzjatu. Dan il-fatt jaqblu miegħu z-zewġ naħat u għaldaqstant jirrifletti dak li fil-fatt ġara. Għaldaqstant anke jekk għal grazzja tal-argument ir-Rikorrent ma kienx jistħoqqlu l-liċenzjament l-offerta li jerġa jiddaħħal għax-xogħol ifisser illi anke jekk is-Soċjetà Intimata kienet irreaġixxiet b'mod eżaġerat kawża ta' nuqqasijiet tar-Rikorrent kollox kien qed jisewwa. Il-fatt li r-Rikorrent iffirma dikjarazzjoni (Dok NB 1) li tgħid li ma kellux iktar *claims* fuq il-kumpanija għad li mhix ammissjoni ta' tort jew forma ta' riżenja jew rinunzja għad-dritt li jfittex rimedju tindika li kif saru l-affarijiet kien wasal f'punt fejn kien se jkun hemm temm ta' relazzjoni lavorattiva. Dan flimkien mal-offerta ta' impieg mill-ġdid li kienet se tpoġġi lir-Rikorrent f'posizzjoni li kien qabel ma sar il-liċenzjament jeżonera lill-Kumpanija minn kull tort li sata' kellha. Fl-opinjoni tat-Tribunal dan mhux każ ta' tkeċċija nġusta, kif ukoll mhux każ ta' *redundancy*.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Emanuel Scicluna minn mas-Soċjetà Intimata Fruitland Company Ltd ma kienx għal raġuni li hi nġusta u insuffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja